MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Numru 1/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Samwel Formosa ta' 59 sena, bin Emanuel u Pawla nee' Refalo, imwieled Xaghra, nhar is-16 ta' Novembru 1954, residenti fil-fond numru 8, Triq San Guzepp Xaghra, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 67454G**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Samwel Formosa li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Dicembru 2008 u snin ta' qabel gewwa Triq San Guzepp, Xaghra, u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer:-

a. U dan l-ahhar xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Margaret Formosa (9543G) oht Samwel Formosa (67454G) stess skond ma ccertifika t-tabib Dr. I. Galea MD, l-Isptar Generali ta’ Ghawdex.
b. Kellu fil-pusess tieghu arma regolari (cross-bow) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
c. Talli kellu fil-pussess tieghu munizzjon (zewg vleggeg) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
d. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strumenti li jaqtghu u bil-ponta (tlett iskieken) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
e. Kellu il-pussess tieghu arma tan-nar (pistola tip Jennings J-22 numru seriali 269216) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tat-28 ta’ Novembru 2013 fejn l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi mill-provi li hemm fl-atti jirrizulta li ma hemmx il-htiega tal-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tad-Dokumenti FS2, FS3, FS4 u FS5.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija skattaw wara rapport li sarilhom mill-assistent socjali Stephanie Muscat dwar allegat abbuz fiziku fuq certu Margaret Formosa minn huha Samwel. Jidher illi l-assistenti socjali kienu ircevew ukoll rapport anonimu u rapport iehor mill-Kurja dwar dan l-allegat abbuz u ghalhekk kienu baghtu ghal Maragret Formosa sabiex din tigi mitkellma, izda ghall-appuntament tfaccja huwa l-imputat sabiex jindaga ir-raguni il ghala dawn in-nies riedu ikellmu lil ohtu. L-assistenti socjali infurmawh illi huma riedu ikellmu lil ohtu u mhux lilu u

ghalhekk huwa stedinhom sabiex imorru jarawha id-dar. L-assistenti socjali hekk ghamlu bl-assistenza tal-pulizija li meta kellmu lil Maragret Formosa dina dehret li ma xtaqitx tkellimhom fil-presenza ta’ huha u ghalhekk giet mehuda fl-ufficcju tal-assistent socjali Stephanie Muscat fejn hawn hija stqarret illi huha kien jabbuza minnha fizikament u spiss kien jerfa’ idejh fuqha. Dana kien isehh meta kien ikun xurban. Illi dana hija tikkonfermah meta taghti x-xhieda taghha fil-Qorti u izzid tghid illi hija xtaqet tahfer lil huha ghal dak li kien ghamlilha. Il-Qorti tosserva illi billi dana huwa kaz ta’ vjolenza domestika, ghalkemm il-mahfra tal-parti leza ser jigi ikkunsidrat fil-kalibrazzjoni tal-piena, madanakollu ai termini ta’l-artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. l-azzjoni kriminali ma tiddependiex iktar fuq il-kwerela tal-parti leza, izda tista’ titmexxa *ex officio* mill-pulizija.

Illi mix-xhieda ta’ Dr. Anton Grech, psikjatra kuranti ta’ Formosa jidher illi dina il-mara tbati minn kapacita’ intellettiva batuta u anke ittiehdu proceduri fil-Qorti ghall-inkapacitazzjoni taghha. Dana x’aktarx wassal sabiex huha l-imputat kellu dominanza kompleta fuqha.

Illi Margaret Formosa tigi ezaminata minn Dr. Ian Galea li irriskontra tbengila zghira fuq il-qafas ta’ sidirha. Fil-fatt Formosa tallega illi meta kienet tigi imsawwta minn huha huwa kellu vizzju isawwatha fuq zaqqha u sidirha. Tghid illi f’okkazzjoni partikolari kien sahanistra kisrilha idejha, izda hija kienet tissaporti l-ugigh u ma titkellem ma’ hadd. Illi Formosa illum tghix ma’ ohtha. Illi ghalkemm il-parti leza ma tindikax id-dati meta sehh dan l-allegat abbuz, jidher illi din kienet xi haga kontinwa li kienet isehh meta l-imputat jixrob u tghid illi l-problema aggravat ruhha wara l-mewt ta’ ommhom. Tghid sahansitra illi gieli sawwatha sahansitra quddiem ommha.

Fil-fatt mir-rapport ta’l-espert psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino jirrizulta illi l-imputat ghandu problema serja ta’ alkoholizmu li ilha ghaddejja ghal snin twal, fejn sahanistra kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa kellu jigi rikoverat l-isptar. L-imputat jichad illi huwa qatt sawwat lil ohtu u jichad anke li kien gie ammess l-isptar minhabba il-

vizzju tax-xorb. Il-psikjatra jikkonkludi illi minhabba l-fatt illi l-problema tal-alkohol hija tant serja, din setghet affetwat l-memorja ta'l-imputat tant illi huwa lanqas jiftakar dak illi ghamel u li ghadda minnu.

Il-Qorti ghalhekk ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat kien jerfa' idejh fuq ohtu tul medda taz-zmien b'mod kontinwu u anke ikkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Ian Galea.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jiffaccja akkuzi ukoll ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta billi fil-pussess tieghu instabu diversi armi regolari jew irregolari esebieti in atti bhala Dokumenti FS1 sa FS7. Illi mill-verbal tat-28 ta' Novembru 2013, il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi ma hemmx il-htiega ta' licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tad-Dokumenti FS2 sa FS5. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dana il-verbal l-imputat ser jigi illiberat mit-tieni, it-tielet u ir-raba akkuzi migjuba il-konfront tieghu. Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tad-Dokument FS1 konsistenti fi cross bow, Dokument FS6, pistola u Dokument FS7 shotgun Theate Freres. Dana johrog mix-xhieda tal-PS73 Josef Camilleri li jixhed illi l-imputat ma ghandux licenzja ghaz-zamma ta' dawna l-armi elenkati fl-Iskeda I u II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti ser tara illi l-imputat jindirizza darba ghal dejjem il-problema tieghu tax-xorb u ghalhekk piena karcerarja f'dan il-kaz certament ma tkunx idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 18, 221(1), 222(1)(a) u 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 3(a), 5(1), 51(1)(a)(2) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, it-tielet u ir-raba akkuzi migjuba il-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi l-ohra, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien

sentejn mil-lum bil-kudizzjoni illi huwa jiehu il-kura kollha li ghandu bzonn sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tax-xorb. Tikkundanna lill-imputat ukoll ghal hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000).

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum jew jekk jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' dina l-ordni.

Il-Qorti qed tordna il-konfiska tad-Dokumenti FS1, FS6 u FS7.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas l-ammont ta' €196.58 mir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien sena mil-lum sabiex izomm il-paci ma' ohtu Margaret Formosa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------